# Il-Festa tal-Kunċizzjoni fl-1900

## Tiżżanżan fiha l-Bradella

minn Anton Attard

Il-festa tal-Kunċizzjoni ċelebrata fl-1900, l-ewwel sena tas-Seklu li għadu kif intemm, hi ta' ċerta importanza fl-istorja tal-festa tal-Belt Cospicua. Din mhux biss tagħti stampa ta' kif kienet issir il-festa f'dik l-epoka, iżda tikkonferma wkoll is-solennità tal-funzjonijiet li kienu jsiru fil-knisja u l-livell għoli li kienu laħqu l-festi esterni mitt sena ilu.

Barra minn dan, il-festa tas-sena msemmija tibqa' mfakkra għax fiha żżanżnet waħda mill-opri artistiċi li bihom hu mogħni s-Santwarju – il-Bradella.

## Bradella li ntgħoġbot

Il-Bradella tal-Kunċizzjoni, meqjusa bħala waħda mill-isbaħ li nsibu, ġiet ispirata mid-disinn tas-sedji tal-Kor tal-Kattidral. Ħarġet minn idejn l-imgħallem Bormliż Wenzu Busuttil. Permezz tagħha dan kien wera sengħetu mhux biss fil-karpenterija iżda wkoll fl-intarsjar permezz ta' l-Appostli u disinji oħra kif ukoll fl-iskultura permezz tal-kolonnat, bl-arki u l-arkitrav, flimkien mal-gwarniċun.

Meta nkixfet, ġibdet l-ammirazzjoni ta' kulħadd, speċjalment ta' min jifhem u fil-ġurnal *'Malta Tagħna'* kien deher apprezzament favorevoli għall-aħħar:

> *"Din il-Bradella hi novità għal Malta u ma setgħetx tirnexxi aktar. Kulmin raha baqa' mistgħaġeb għall-preċiżjoni tax-xogħol u għall-ħlewwa ta' disinn. Ħaqqu tifħir Mastru Wenzu Busuttil, għax għaraf jagħmel opra hekk sabiħa li tonora lilu u lil pajjiżu".*



***L-istatwa tal-Kunċizzjoni armata fil-Kolleġġjata ta' Bormla nhar it-8 ta' Diċembru.***

## Il-Festa fil-Knisja

Bormla minn dejjem kienet magħrufa għaċ-ċelebrazzjonijiet solenni tul jiem il-festa

tagħha. Fil-bidu tas-Seklu Għoxrin dawn kienu fl-aqwa tagħhom. Għall-priedki tan-Novena tas-sena 1900, ġie mistieden jagħmilhom id-Dumnikan P. Ġużepp Curmi. Dan kien predikatur fluwenti mfittex ħafna, li biex tisimgħu, in-nies kienet timla l-knisja minn kmieni ħafna qabel il-quddiesa.

Aktar ma qorob jum il-festa aktar żdiedet is-solennità tal-funzjonijiet. Għall-aħħar 'Salve', jumejn qabel il-festa, l-orkestra ta' Mro. Perez issaħħet b'mużiċisti tat-Teatru Rjal, fosthom il-baritonu Nani u t-tenur Venerandi.

Wieħed għandu għax jaħseb li Mro. Perez għamel l-istess l-għada, lejlet il-festa, waqt l-aħħar quddiesa tan-novena. Jingħad li P. Ġużepp, f'dik l-għodwa għamel waħda mill-aħjar priedki tiegħu.

Il-funzjoni tat-Traslazzjoni bdiet fit-3.00pm bl-Għasar Solenni; minn issa 'l quddiem bil-mużika u taħt id-direzzjoni tas-Surmast Riccardo Bugeja.

Jum il-festa, li dik is-sena ħabat is-Sibt, beda minn kmieni fl-4.00am. bil-kant ta' Matutin Solenni. Fid-9.00am, imbagħad ħarġet il-Quddiesa tal-Festa, li għaliha s-surmast Bugeja, ma' l-orkestra tiegħu, dakinhar żied il-kantanti kollha tat-Teatru Rjal. B'hekk tista' timmaġina x'quddiesa kienet!

Bormla kienet fost l-ewlenin li l-paniġierku, minflok wara nofsinhar, kienet tagħmlu fil-Quddiesa Solenni. Fil-festa msemmija, kien għamlu l-Penitenzier tal-Kolleġġjata Kospikwana, il-Kanoniku Dun Pawl Caruana. Dan kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa oraturi ta' dak iż-żmien.

Il-purċissjoni, dik il-ħabta, kienet toħroġ ħafna aktar kmieni mil-lum. Fis-sena 1900 ġie rrapurtat li ħarġet wara t-Tieni Għasar Solenni, li kien beda fis-2.30pm. Fiha kienu ħadu sehem il-fratellanzi tal-parroċċa kollha, li fihom kellhom għadd kbir ta' mseħbin. Dawn kienu jirrendu l-purċissjoni waħda mill-aktar twal.



*Is-suq ta' Bormla waqt il-marċ tat-Te Deum fl-okkażjoni tal-festa tal-Kunċizzjoni. Dan ir-ritratt, meħud fl-għoxrinijiet juri l-istatwa tal-Papa Piju IX li kienet tkissret fil-gwerra u minflokha saret oħra.*

## Sehem il-Banda San Ġorġ

Sehem il-*Banda San Ġorġ* fil-festa tas-sena msemmija jixhed l-impenn estensiv ta' din il-banda fil-festa ta' beltha. Il-kontribut kbir li tat sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha, wassal biex il-festi esterni, kull meta t-temp ippermetta, ikunu fost l-aqwa ta' dik l-epoka.

F'dil-festa ta' mitt sena ilu, il-banda Bormliża bdiet is-servizzi tagħha il-Ħamis 6 ta' Diċembru, billi akkompanjat bil-marċi l-istatwa tal-Papa għat-tlugħ fuq il-kolonna, fi *Pjazza Antico Mercato*. Kuntrarju għal-lum, id-dimostrazzjoni bil-Papa kienet issir tard wara nofsinhar, għax insibu miktub li, wara li l-istatwa ttellgħet fuq il-kolonna, il-*Banda San Ġorġ*, fis-7.30pm, bdiet programm,

fl-istess pjazza, fuq il-planċier. Dik il-lejla, taħt id-direzzjoni ta' l-Aġent Surmast tagħha Spiridione Vassallo, il-banda għamlet programm ta' mużika klassika li kien jinkludi s-sinfonija '*Italiana in Algeri*' ta' Rossini u għażliet mill-opri '*Faust*' u '*Trovatore*'.

L-għada, lejlet il-festa filgħodu, wara li ntemmet il-funzjoni fil-knisja, il-*Banda San Ġorġ* għamlet il-marċ popolari magħruf bħala tat-'*Te Deum*', tul it-toroq prinċipali ta' Bormla, imsieħba minn għadd kbir ta' nies, l-aktar żgħażagħ, li bil-bandieri f'idejhom, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien, ħolqu briju sħiħ. Fl-istess jum filgħaxija, l-banda reġgħet kienet il-protagonista tas-serata bi programm klassiku ieħor fi *Pjazza Antico Mercato*. Nistgħu nsejħulha 'Lejla Verdiana', għax l-A/Direttur Vassallo ippreżenta għadd ta' selezzjonijiet minn opri ta' Verdi, bl-itwal waħda fosthom tkun mill-opra '*Nabucco*'.

Nhar il-Kunċizzjoni, il-*Banda San Ġorġ* kompliet, u fl-istess ħin, temmet l-impenn tagħha fil-festa b'marċ ieħor mat-toroq prinċipali, li bdietu hekk kif spiċċat il-Quddiesa Solenni tal-Festa, għall-ħabta ta' nofsinhar.

## Baned Oħrajn Mistiedna

Mitt sena ilu, dawk li kienu jħobbu l-mużika ma kellhomx il-faċilitajiet li għandna aħna llum. Għalhekk, il-programmi li kienu jagħmlu l-baned kienu jiġbdu lejhom ħafna nies. Dawn kienu joħonqu l-pjazez tagħna biex jisimgħu l-baned jinterpretaw mużika, fil-biċċa l-kbira, klassika, li kienet tant popolari fl-antik. Għalhekk, l-organiżżaturi tal-festi esterni, mal-banda tal-lokal, kienu jistiednu baned oħra ta' fama, biex in-nies li tattendi għall-festa, toħroġ sodisfatta kemm jista' jkun.

L-organiżżaturi Bormliżi, fil-festa li qed inħares lejha, ma baqgħux lura. Flimkien mal-Banda San Ġorġ, dik is-sena f'Bormla daħlu għadd ta' baned. Lejlet il-festa, għamlu programmi l-baned '*La Valette*' tal-Belt, '*La Vincitrice*' ta' l-Isla, '*Banda Beland*' taż-Żejtun u '*San Giuseppe*' tal-Hamrun.

F'jum il-festa reġgħu daħlu l-baned 'La Valette' u 'La Vincitrice' u fost oħrajn, il-Banda Slimiża '*I Cavalieri di Malta*'.

Il-programmi varjati li dawn il-baned ippreżentaw u li xi uħud minnhom infurmaw bihom lill-pubbliku fuq il-ġurnali, jikkonfermaw il-mertu kbir tal-baned fit-tixrid tal-kultura mużikali fost il-poplu ta' dawn il-Gżejjer.

**Referenzi**

*Malta Tagħna* - 15 ta' Diċembru 1900
*La Gazzetta Di Malta* - 5 Agosto 1900

